KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 53

It-tlieta u ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016 fis-6.07pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Knis tat-toroq*
6. *Laqgħa Annwali tal-Lokalita 2016*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 52_24/02/2016.

1.2 Ma kienx hemm korrezzjonjiet. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Dwar punt 5.2e, il-Kunsill ġie infurmat li saret il-laqgħa ma tal-gabbani tax-Xatt. Il-Kunsill se jara l-*feedback* tal-proposti li ġew diskussi waqt il-laqgħa u fost affarijiet oħra l-*promenade* ma jridx ikun ingumbrat. Il-Kunsill se jagħti *deadline* biex kulħadd jimxi mar-regolamenti prezenti u dawk li ma jiġux regolarizzati jitneħħew mil-post. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk hux l-Awtoritajiet li kienu waqt il-laqgħa kienux man-naħa tal-Kunsill u r-risposta kienet fil-pozittiv. *Gabbani tax-Xatt*

2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-perit Vassallo iċċertifika xi xogħlijiet tat-toroq. Is-Sindku tkellem dwar il-*junction* li hemm bzonn issir fi Triq it-Torri (il-parti ta' quddiem Triq il-Kulleġġ l-Antik). Ġie nnotat li l-Kunsill m'għandux fondi bizzejjed għal dan il-proġett. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tat-Transport Malta. *Junction Tower Road*

2.3 Dwar punt 5.2g is-SE tkellem dwar il-ġbir ta' skart minn Fort Cambridge u spjega kif lill-Kunsill se tinvolvih ħafna spejjez. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li tagħmel differenza għax mod tkun blokka ta' appartamenti ta' għaxar *units* u mod ikun hemm 350 *unit*. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat *reminder* lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u nikkupjaw lis-Segretarju Parlamentari Stefan Bontempo. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li jekk il-flus jingħataw lill-Kunsill, il-Kunsill ikun jista jibda s-servizz ta' gbir. F'kaz li dawn jibqgħu ma jingħatawx din terġa tittressaq Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan. *Fort Cambridge*

2.4 Is-Sindku qal li ġie infurmat li l-Pjazzetta se jkollhom *swill room*. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn li ssir *bye law* li blokkok ta' appartamenti kbar ikollhom *swill room*. Il-Kunsillier J. Pillow qal li din tista tkun kaz li tiġi diskussa mal-MEPA għax jekk ssir il- *Swill rooms*

*bye law* tista ma tkunx effettiva. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mal-avukat biex jara jekk din tapplikax għal Kunsill jew hux parti mill-proċess tal-izvilupp li tikkonċerna lill-MEPA. Kien hemm qbil li f'kaz tkun applikabbli għall-Kunsill inkellmu lill-perit u l-avukat kif tista ssir. Kien hemm qbil li din tkun għal kull blokka ta' aktar minn ħmistax-il appartament.

2.5 Dwar punt 5.2h il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-WI FI. Is-SE għandu jerġa jibgħat lil MCA. *Wi fi*

2.6 Is-SE informa li s-survey dwar l-RPZ miexi skont it-*timeframes* *RPZ survey*

2.7 Is-Sindku informa li l-ħaddiema li se jwaħħlu s-slielem issuġġerew li aħjar jitwaħħlu *handrails* mal-blat minħabba l-maltemp. Kien hemm qbil. *Handrails mal-blat*

2.8 Dwar it-tabella digitali tat-traffiku li kellha titwaħħal fi Triq it-Torri is-SE qal li ġie infurmat li din ma tistax titpoġġa fejn il-Kunsill ippropona minħabba li hemm *high voltage cable* u ma jaqbadx ma' LED. Is-SE qal li kien ġie ssuġġeriet li titwaħħal faċċata ta' Triq Creche (wara t-Torri). Il-Kunsillier J. Pillow qal li tista titwaħħal bi *stabilizer* jekk hemm *high voltage cable.* *Tabella*

2.9 Dwar punt 2.4 li kellhom jinqalgħu l-plakek li hemm madwar il-monument Sri Chimnoy, is-SE informa li l-ħaddiema nizzlu u sabu li kienet diffiċli biex jinqalgħu. *Plakek*

2.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li se ssir manutenzjoni fil-Berga. Il-Kunsill ġie infurmat li dak li se jħallas il-Kunsill eventwalment jintbgħatu r-riċevuti biex il-fondi jiġu rifonduti mill-Gvern. Gie mfakkar li l-manutenzjoni u l-konsum tad-dawl u l-ilma jibqa f'idejn il-Kunsill. *Berga*

2.11 Il-Kunsillier J. Pillow qal li CCTV tal-Kunsill hemm bzonn li tiffunzjona għas-sigurta tal-istaff. *CCTV*

2.12 Dwar punt 2.5 dwar il-proposti għal xi proġett li jista jsir għal meta tiġi *phased out* l-iskola tal-Gvern, is-SE qal li kieku izid li jkun hemm klassi għall-inizjattivi edukattivi mal-proposti li ressaq il-Kunsillier M. Briguglio. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Ministru E. Bartolo 'li l-Kunsill prepara xi proposti għall-uzu tal-iskola u nixtiequ niltaqgħu miegħek għall-aktar diskussjonijiet.' *Proġett Propost*

2.13 Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li hemm bzonn li jsiru aktar attivitijet fis-*Sliema Day Centre* u dan biex ikun hemm aktar uzu fil-post. Il-Kunsill heggeg lill-Kumitat tal-anzjani jorganizza tali attivitajiet. *Sliema Day Centre*

2.14 Is-SE irrefera għall-punt 2.8 fejn il-Kunsill kien qabel li l-kuntrattur li qiegħed joffri l-*bins* għandu jħallas skont il-*bye law* u informa li l-kuntrattur qabel li jħallas. *bins*

2.15 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li l-Kunsill ikollu stima għal siġar matul Triq Dingli kollha. Kien hemm qbil dwar dan. *Triq Dingli - Siġar*

2.16 Il-Kunsill ġie infurmat li l-proċess tal-proposti tar-roti huwa miexi u se jintsab mezz biex ma jitneħħewx *parking bays*. *Proposti tar-roti*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw 7.17pm*

2.17 Dwar il-*bicycle lane* il-Kunsill qabel li għandha tiġi koordinata laqgħa mal-Kunsilli tal-Gzira u ta' San Giljan minħabba l-konfini. *Bicycle lane*

2.18 Il-Kunsill ġie infurmat li mill-1 ta' Mejju 2016 il-ġbir tal-iskart se jibda jsir mit-8pm flok fis-7pm. *Gbir ta' skart*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-lista ta' pagamenti.

3.2 Is-Sindku spjega pagament numru 6 kif il-Kunsill ħallas ċitazzjoni minħabba li ħaddiema tal-Gvern kienu qegħdin iwaħħlu *beach ladders* u kien xogħol relatat mal-Kunsill. Il-Kunsillier J. Pillow spjega kif kellu kaz simili u irċieva citazzjoni waqt attivita tal-Kunsill fejn kien qiegħed mal-ħaddiema tas-CSD iwaħħlu xi banners. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas din iċ-ċitazzjoni.

3.3 Is-SE irrimarka dwar il-pagamenti numru 44, 45 u 46 ta' Philip Agius and Sons Ltd. u qal li dawk ġew imressqa skont iċ-ċertifikazzjonijiet li bgħat il-Perit David Vassallo. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati izda minħabba li flimkien l-ammont huwa wieħed konsiderevoli, ma jintbgħatux f'daqqa.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar is-servizz tal-ġbir ta' flus. Is-SE qal li ilu jinnota li dan qiegħed jiġi għoli u se jkun qiegħed joħroġ *call for quotations* għal dan is-servizz. Is-SE informa ukoll li se *Call for quotations*

jkun qiegħed joħroġ call for *quotations* għat-tindif tal-uffiċċju.

3.5 Is-SE spjega l-pagment numru 42 dwar *claim* mill-*insurance* bl-ammont ta' 355.70 u li din kienet minhabba ħsara meta sar xogħol tal-Kunsill fi Triq il-Kulegg l-Antik. Kien hemm qbil li jitħallas.

3.6 Ġie nnotat il-kont ta' Mario Mallia fejn tpoġġew il-bankijiet ix-Xatt u l-Kunsill ġie infurmat li kellu diversi ilmenti għaliex il-bankijiet tpoġġew kollha iħarsu n-naħa tal-baħar u min għandu t-tfal ma jkunx jista josservhom. Kien hemm qbil li jinqalbu xi ftit minnhom li jiġu jħarsu lejn it-triq. *Bankijiet fix-Xatt*

3.7 Ġew innotati l-kontijiet tal-Mica Med dwar il-manutenzjoni tal-bozzoz. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li din qegħda tiġi diskussa mar-Reġjun. Id-deċizjoni tar-Reġjun hija dik li l-Kunsilli jiddeċiedu huma individwali kif jiproċedu. Kien hemm qbil li tibda diskussjoni biex il-kuntratt jinħareġ b'mod konġunt ma' Kunsilli oħra. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li kellu komunikazzjoni mal-Kunsill ta' San Giljan li diġa jaqbel ma' din il-proposta. *Manutenzjoni tal-bozoz*

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li l-pubbliku hemm bzonn li jkun jaf b'mod regolari xi jsir u x'jinteffaq mil-Kunsill, u fakkar li kien hemm qbil li kull xahar tittella lista ta' spejjez kurrenti fuq *facebook*. Is-SE fakkar li l-Kunsill bħalissa qiegħed fil-proċess tal-awditjar u eventwalment se jkun qiegħed jittella' l-*audited financial statements* fuq il-*website* la darba jiġi approvat. *Spejjez kurrenti*

3.9 Is-SE ressaq certifikazzjonijiet tal-perit Bezzina tax-xogħlijiet fi Triq Nazzarenu u Triq il-Kulleġġ l-Antik mill-kuntrattur LK. Kien hemm qbil li jitħallsu.

3.10 Is-Sindku ressaq l-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Kunsillier L. Cassar Shaw issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Sindku tkellem dwar il-komunikazzjoni li ssir fuq *facebook* mal-pubbliku u qal li kien sodisfatt għal mod kif wieġbu l-kunsilliera meta kien hemm minn kiteb dwar il-ħarġa li kienet se ssir Montekristo. *Komunikazzjonijiet*

4.2 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw esprimiet il-fatt li hi sitwazzjoni diffiċli għaliex jew għandu jkun hemm qbil li l-Kunsilliera kollha ma jkunux involuti *facebook* għaliex meta xi kunsillier jiġi *tagged* wieħed dejjem għandu jirrispondi għaliex ikun qiegħed jidher li ma jagħtix kaz. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-*facebook* sar mezz ta' komunikazzjoni u jibqa f'kuntatt mal-pubbliku.

4.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina spjegat kif ġiet koordinata din il-ħarġa kif isir kull darba u ma kien hemm l-ebda intenzjoni oħra. Filfatt is-Sindku spjega li ma kellu l-ebda problema biex ikonvinċa lill-Kunsilliera konċernati li wara l-kummenti fuq *facebook* ikun aħjar li l-Kunsill ibiddel il-post. Filfatt il-ħarġa issa se ssir St Elmo minnflok Montekristo. Madankollu, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li dan m'għandux jirriffletti fuq deċizjonijiet li jieħu l-Kunsill, u deċizjonijiet m'għandhomx jiġu affettwati jekk ikun hemm kummenti pubbliċi għaliex kull kaz huwa għalih. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li kull kunsillier huwa responsabbli ta' x'jagħmel il-Kunsill u mhux tad-dekasteru tiegħu biss u qatt m'għandu jintqal min hu responsabbli ta' x'hiex kif bdew jistaqsu fuq *facebook.* Is-Sindku qal li filfatt li l-Kunsilliera li wieġbu, wieġbu b'mod korett u li kulħadd kellu għan wieħed.

4.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għat-traffiku li qiegħed ikun hemm fi Triq il-Kulleġġ l-Antik għal Triq Mrabtat (in-naħa tal-Belmont) u qegħda tipproponi li jitneħħew xi *parking bays* mil-bidu tat-telgħet il-Kulleġġ l-Antik għaliex qiegħed ikun hemm *traffic jams.* Ġie propost ukoll li jerġgħu jsiru *double yellow lines* (in-naħa tal-X Tend) u jkun hemm assistenza mill-gwardjani għall-infurzar dan biex jitnaqqas it-traffiku. Il-Kunsill għandu jkellem lit-TM dwar il-*parking bays* u jekk jistax isir *double* jew *single yellow line* minħabba d-*deliviers* tal-ħwienet li hemm fl-akwata. *Traffiku fi Triq il-Kulleġġ l-Antik għal Mrabat*

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-8.30pm*

4.5 Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-preparamenti għal SAF 2016 bdew u qal li min jixtieq jingħaqad fil-kumitat jinfurmah. Talab ukoll li min jixtieq jingħaqad għandu jkun involut u jagħti sehmu bis-shih. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu joffri li jkun fil-kumitat. Il-Kunsillier D. Muscat se jiġi mistoqsi jekk hux interessat li jkun involut. Il-Kunsillier P. Portelli qal li skont il-*post mortem* min-naħa tal-Arti ġie nnotat li għandu jkun hemm aktar Maltin involuti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li kellha talbiet li jkun hemm ukoll muzika *SAF 2016*

addata għal eta avvanzata. Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jkun hemm *main stage* li se jkun sponsored mil-Bay Radio. Din l-attivita se tkun *linked* mal-pagni ta' *facebook* u se jkun hemm aktar *marketing*. Dan qed isir bi sfors sabiex Gnien Indipendenza ikun hemm aktar nies mis-sena l-oħra.

4.6 Il-Kunsillier P. Portelli qal li se tinzamm garanzija u min ma jzommx mal-ħinijiet stipulati u regolamenti oħra jitlef din il-garanzija.

4.7 Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jkun qiegħed jibgħat *sponsorship guide* lill-Kunsilliera u min ikollu kuntatti jista jinfurma lill-Kunsill.

4.8 Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jkun hemm *park and ride*. Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li isir banner fi Triq it-Torri li tindika li se jkun hemm *park and ride*. Kien hemm qbil dwar dan.

4.9 Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill se jkun qiegħed jipprova li jġib sponsorship ghad-*drinks* tal-bars kollha. Ġie nnotat li din is-sena Ġnien Indipendenza għandu jkun aħjar mis-sena l-oħra.

4.10 Il-Kunsill ġie infurmat li din is-sena it-tema se tkun 'Sliema Arts Festival, *A place called home*'. It-tema tal-festival ser tiffoka dwar il-fenomenu tal-migrazzjoni. Se jkunu provduti dgħajjes minn *warehouse* tal-MOAS biex l-artisti jpingu fuqhom.

4.11 Il-Kunsillier J. Pillow talab jekk il-Kunsill jistax ikollu l-pjan tal-attivita. Is-SE informa li għalissa l-Kunsill għad irid jirċievi konfermi speċjalment minn *sponsors* allura l-programm għadu mhux finallizat.

4.12 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għar-rampa ta' quddiem il-kazin ta' San Girgor li hi perikoluza u li mhux aċċessibbli. Is-SE qal li diġa kellem lil ta' San Girgor u issa se jibgħat b'rapport ta' perit b'mod uffiċċjali. Ġie deċiz li l-Kunsill ma jkunx jista jagħti *support* f'attivitatijet ma' San Girgor sakemm tiġi rranġata r-rampa. *Rampa – San Girgor*

4.13 Is-SE informa bix-xogħol li hemm bzonn isir fi Triq it-Torri (bejn Amery u Sir Luigi Camilleri), u qal li Transport Malta qed jissugerixxu li x-xoghlijiet isiru wara is-6pm. Kien hemm qbil li x-xogħol issir wara s-6 ta' filgħaxija. *Xogħol fi Triq it-Torri*

4.14 Is-Sindku informa li se jsir *windvane* in-naħa ta' l-Exiles bħala *Windrose*

proġett ta' Valletta 2018. Is-Sindku spjega li l-organizzaturi talbu li għal din il-ġurnata ikun hemm attivita. Il-Kunsill qabel li ssir il-*windrose* kif ukoll li fil-ġurnata tiġi organizzata *clean up event* fejn jiġu involuti *divers* u s-salezjani. Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li jekk se ninvolvu d-*divers* u s-Salezjani iridu navzawhom minn qabel.

**5. KNIS FIT-TOROQ**

5.1 Is-SE prezenta rapport mill-*contracts manager* dwar it-tindif tat-toroq. Ġie nnotat minn diversi Kunsilliera li r-residenti jilmentaw li ma jarawx kennies u li għad hemm ħafna improvement xi isir. Ġie nnotat ukoll li l-bins iridu jigu iċċekkjati meta qegħdin jitnaddfu. Is-SE fakkar li l-knis kien qiegħed isir sas-1pm. Kien hemm qbil li l-ħin jiġi estiz sal-4pm.

5.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka wkoll dwar il-ġbir ta' skart riċiklat u qal li l-Kunsill għandu jiltaqa mal-*Greenpak* qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt. *Greenpak*

**6. LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA 2016**

6.1 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2016 fis-6.30pm. Il-post jiġi diskuss aktar tard. Kien hemm qbil li l-presentazzjoni għal din il-laqgħa tintbgħat qabel lill-Kunsilliera.

**7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

7.1 Is-SE prezenta l-istima għal *health insurance* għall-kunsilliera u l-istaff mill-istess kumpanija ta' *insurance* li għandna bħalissa kif ukoll l-istima tal-*health scheme* mill-AKL. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġedded il-*health scheme* mal-AKL peress li din hija ferm irħas. *Health scheme*

7.2 Is-Sindku informa li tat-Torri għamel restawrazzjoni talt-Torri u qiegħed jitlob lill-Kunsill biex jgħin billi jipprovdi *uplighters* billi dan huwa bini storiku. Il-Kunsillier J. Pillow ġibed l-attenzjoni dwar l-*uplighters* għaliex dawn jagħmlu *light pollution*. Is-SE informa li dan hu l-obbligu tagħhom li jkun mizmum it-Torri. Restawrazzjoni tat-Torri

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fl-10pm*

7.3 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob parir mid-DLG jekk jistax jinvolvi

ruħu li jagħmel id-dawl. F'kaz li jkun jista trid tinħareġ *tender* minħabba l-ispiza taqbez l-ammont kif stipulat fir-regolamenti.

7.4 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa x'kuntratt għandu tal-Fortizza. Il-Kunsill għandu jiċċekkja. *Fortizza*

**8. AGGORNAMENT**

8.1 Is-seduta intemmet fl-22.30pm. Seduta oħra ġiet aġġornata nhar il-Ħamis 21 ta' April 2016 fis-6pm.

Minuti approvati llum 21/04/2016

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**